Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 237/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**Carmel sive Charles D'Amato**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi bis-sahha ta' liema s-socjeta` attrici tablet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' mija u tlieta u hamsin lira u sittin centezmu (Lm153.60) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2144 3940 kif jirrizulta mid-dokument annessi u mmarkat bhala Dok A;

Ra d-dokumenti esebiti.

Semgha x-xhieda ta' Charmaine D' Amato mart il-konvenut li bil-gurament taghha kkonfermat illi l-ammont fil-fatt huwa dovut u li xtaqet zmien ghal hlas.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenut Carmel sive Charles D' Amato jhallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta' mija u tlieta u hamsin lira u sittin centezmu (Lm153.60) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kontra l-konvenut, b'dan pero' li dan l-ammont ghandu jigi ddikjarat restitwibbli lill-istess socjeta` attrici fi zmien tnax-il xahar mill-gurnata tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------